MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 780/2007/1

**Nazzareno Abela**

**v.**

**CMA CGM s.a. b'digriet tal-25 ta' Settembru 2009 issostitwew lil**

**(i) CMA CGM (Malta) Limited 562 024 422 R.C.S Marseille;**
**(ii) Malta Freeport Terminals Limited (C 27581);**
**(iii) Steamship Insurance Management Services Ltd**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat illi dan hu appell minn digriet li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Lulju, 2014, u sussegwentement konfermat fid-digriet tal-25 ta' Awwissu, 2014, li in forza tieghu cahdet talba tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd. ghall-hatra ta' periti addizzjonali wara r-rapport tal-perit legali minnha mahluf fit-28 ta' Jannar, 2014.

F'din il-kawza l-attur qed jghid illi hu kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol gewwa l-Freeport Terminal f'Kalafrana, meta kien qed isuq it-'tug master', fuq il-moll fejn jghaddu l-veikoli; jghid li dak iz-zmien il-passagg kien pjuttost imharbat bil-konsegwenza li sofra griehi f'rasu, tilef il-kontroll tat-'tug master' u baqa' diehel go platform tal-konkos u kompla sofra diversi feriti ohra f'rasu u f'partijiet ohra ta' gismu. L-ewwel Qorti hatret perit legali biex tisma' l-provi u tressaq opinjoni dwar il-kaz. Din ipprezentat ir-rapport u sabet lis-socjeta` Malta Freeport Terminals Ltd. responsabbli ghall-incident. Din is-socjeta` talbet il-hatra ta' periti addizzjonali li giet michuda mill-ewwel Qorti. Il-

Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi n-nomina ta’ Dr. Maxilene Pace saret mill-Qorti kif diversament preseduta. Ma saret ebda lanjanza minn xi parti fil-kawza dwar in-nomina taghha u cioe’ mid-data tan-nomina sas-6 ta’ Marzu 2014. Il-Perit Legali Dr. Maxilene Pace pprezentat ir-rapport taghha, saru id-domandi in eskussjoni u il-Perit Legali Maxilene Pace ipprezentat ir-risposti taghha bil-miktub.

“Is-socjeta’ intimata permezz tan-nota tas-6 ta’ Marzu 2014, u permezz tal-verbal tal-21 ta’ Mejju 2014 talbet lil din il-Qorti tinnomina Periti Perizjuri, din it-talba giet kontestata kif jidher mill-verbal tal-21 ta’Mejju 2014.

“**Ikkonsidrat:**

“Illi n-nomina u l-inkarigu moghti lil Dr. Maxilene Pace kienet wahda ta’ Perit Legali. **Imkien** fin-nomina taghha ma jidher illi tali nomina kienet **ghal xi perizja ta’ natura teknika**. Illi n-nomina ghall-Periti Perizjuri jew addizzjonali di solitu tintalab meta si tratta ta’ perizja ta’ natura teknika ta’ certu diffikulta’ jew ta’ natura medika fejn jigu nominati tlett konsulenti medici u fejn si tratta materji ta’ certu gravita’.

“Fit-talba in ezami, s-socjeta’ intimata m’hijiex qed titlob ghall-Periti Perizjuri medici imma ghall-**Periti Legali addizzjonali,** liema nomina m’hijiex wahda legalment sostenibbli.

“Illi l-ligi, tramite l-Artikolu 673 u l-Artikoli 660 u 680 tal-Kapitolu 12, takkorda lill-partijiet il-poter li jirribattu dak li Perit ikun ikkonkluda.

“Di piu’ ai termini tal-Arikolu 681 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m’hijiex marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet raggunti f’rapport ta’ Perit ***“kontra il-konvinzjoni taghha nfisha.”***

“Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talba ghall-periti addizzjonali maghmula mis-socjeta’ intimata.

“Spejjez riservati ghall-vertenza finali.”

Il-Malta Freeport Terminals Ltd. appellat mid-digriet ghal qudiem din il-Qorti. L-attur, fl-ewwel lok, ressaq aggravju marbut mal-validita` tal-appell peress li jissottometti li dan tressaq *fuori termine*.

Trattat l-ewwel dan l-aggravju, din il-Qorti ma taqbilx li l-appell gie pprezentat tardivament. Il-ligi relattiva, l-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi fis-subartikolu (2) tieghu li appell minn digriet li jichad il-hatra ta' periti addizzjonali jista' jsir qabel is-sentenza definittiva bla htiega ta' permess specjali mill-Qorti li tat id-digriet. L-appell skont is-subartikolu (6) ghandu jsir fi zmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuh fil-qorti. Skont is-subartikolu (4), pero`, fi zmien sitt ijiem meta digriet li jaqa' taht is-subartikolu (2) jinqara fil-qorti, il-parti aggravata tista' titlob rikonsiderazzjoni tal-materja mill-istess qorti, biz-zmien li jsir appell jibda ghaddej, fit-termini tal-proviso ghas-subartikolu (6), mill-jum meta dan it-tieni digriet jinqara fil-Qorti bil-miftuh.

F'dan il-kaz, dawn it-termini gew kollha osservati.

L-ewwel digriet li bih giet michuda t-talba ghall-periti perizjari inghata fid-9 ta' Lulju, 2014. Is-socjeta` Malta Freeport Terminals Ltd., fi zmien utili, talbet l-

ewwel Qorti tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha, u dik il-Qorti tat digriet, li bih cahdet din it-talba, fil-25 ta' Awwissu, 2014, liema digriet inqara bil-miftuh fis-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014. Dan l-appell tressaq fis-6 ta' Ottubru, 2014, jigifieri entro is-sitt ijiem li jrid l-Artikolu 229(6). Ir-riferenza li jaghmel l-attur ghall-Artikolu 229(1)(k) huwa irrilevanti ghax ma jghoddx ghad-digriet li jkunu nghataw wara talba ghal rikonsiderazzjoni skont is-subartikolu (4) tal-istess Artikolu 229. Jekk issir talba ghal rikonsiderazzjoni ta' digriet moghti skont is-subartikolu (2), appell jista' jsir minn cahda ta' dik it-talba u dan fi zmien sitt ijiem skont is-subartikolu (6).

Kwindi dan l-aggravju tal-attur appellat qed jigi michud.

Fil-kuntest tal-meritu tal-appell, jidher li l-perit legali nominat mill-ewwel Qorti dahlet f'aspetti teknici tal-materja li ma jaqghux fil-kompetenza taghha. Dan ghamlitu meta nonostante li t-'tug master' gie certifikat 'safe' minn inginier *ex parte* tas-socjeta` appellanti, hi esprimiet opinjoni li dan il-veikolu ma kienx 'safe', avolja ma ghandhiex kwalifiki ta' inginerija. Trattandosi ta' materja teknika li fiha l-perit legali ma ghandhiex kwalifiki, kellha hi titlob assistenza teknika mill-qorti, specjalment meta ma kinetx sejra taqbel ma' opinjoni ta' xhud espert fil-materja, ancorche` prodott *ex parte*. Il-perit legali setghet taccetta l-prova ta' dan ix-xhud, specjalment jekk ma tkunx kontradetta, pero`, f'kaz ta' konflitt ta' provi fuq materja teknika jew f'kaz li thoss li ma setghetx

taccetta din il-prova, kellha titlob direzzjoni mill-qorti biex tkun assistita minn espert tekniku indipendenti.  Difficli, f'kaz bhal dan, li perit legali li ma ghandhiex kwalifiki fl-inginerija tazzarda tiddikjara 'mhux safe', dak li gie certifikat 'safe' minn inginiera kwalifikati.

F'dan il-kaz pero`, darba li sa issa ma ntalbetx perizja teknika, it-talba ghall-periti addizzjonali tista' tolqot biss ir-rapport tal-perit legali.  Il-konkluzjonijiet ta' perit legali ma jistghux jigu 'reviewed' jew kontradetti minn periti teknici – kif qed titlob is-socjeta` appellanti – izda, se mai, minn ohrajn legali, u f'kaz ta' opinjoni legali, l-ahhar kelma hija tal-qorti li, fuq aspetti legali, tista' tara li ma hemmx htiega ta' hatra ta' periti legali addizzjonali.  Konkluzjonijiet teknici minn perit legali jistghu u ghandhom jigu skartati.

Kwindi t-talba ghall-hatra ta' periti legali addizzjonali, kif maghmula, m'hijiex gustifikata, u ghamlet sew l-ewwel Qorti li cahdet din it-talba.

Dan ma jeskludix, pero`, il-hatra anke f'dan l-istadju, ta' espert tekniku li ghandu l-kwalifiki mehtiega.  Darba qamet il-kwistjoni dwar jekk it-'tug master' in kwistjoni huwiex 'safe' jew le, il-Qorti trid tara toqghodx fuq il-provi li ghandha, izda jekk thoss li mhix 'komda' tiddeciedi fuq din il-materja a bazi tal-

provi li tressqu, ghandha tikkonsidra tahtarx espert tekniku sabiex jirrelata fuq xi aspetti tal-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` Malta Freeport Terminals Ltd. billi, salv ir-riserva li saret aktar qabel, tichad l-istess u tikkonferma d-digrieti li tat l-ewwel Qorti fid-9 ta' Lulju, 2014, u fil-25 ta' Awwissu, 2014, bl-ispejjez in prim istanza jibqghu riservati ghall-vertenza finali, kif stabbiliet l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jithallsu bin-nofs bejn l-attur Nazzareno Abela u s-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------